# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 15 ta' Dicembru 2016**

**Numru 2**

**Appell numru 302/16**

**Support Services Limited (C-30778)**

**v.**

**(1)Central Procurement and**
**Supplies Unit – Gozo General Hospital;**
**(2)Direttur Generali (Kuntratti); u**
**(3)Omnicare Cooperative Limited (Kop. Nru. 115)**

**Il-Qorti:**

<u>Preliminari</u>

1. Dan hu appell maghmul mis-socjeta` rikorrenti minn decizjoni [id-decizjoni appellata] tal-Bord ta' Revizjoni dwar il-Kuntratti Pubblici [il-

Bord] moghtija fit-30 ta' Gunju 2016 li permezz taghha l-istess Bord iddecieda, dwar l-appell maghmul quddiemha mis-socjeta` rikorrenti, billi rrakkomanda li tinhareg sejha gdida ghal offerti u wkoll ordna r-rifuzjoni tad-depozitu mhallas lill-istess socjeta`.

<u>Il-Fatti</u>

2. Il-fatti relevanti huma dawn. Fl-24 ta' Marzu 2016 inharget sejha pubblika mid-Dipartiment tal-Kuntratti "*For the Provision of Care Worker Services at the Gozo General hospital*", li ghaliha kien hemm biss zewg offerti: dik tas-socjeta` rikorrenti u dik tas-socjeta` intimata Omnicare Cooperative Limited ["Omnicare"].

3. Fit-22 ta' April 2016 l-intimata *Central Procurement Supplies Unit – Gozo General Hospital* [CPU] ghazlet lill-intimata Omnicare bhala l-offerenti preferuta peress li din l-intimata pprovdiet l-irhas offerta u li kienet konformi mal-kondizzjonijiet tas-sejha.

4. Is-socjeta` rikorrenti oggezzjonat ghal dik id-decizjoni u konsegwentement ipprezentat *Reasoned Letter of Objection* [l-Ittra] datata 27 ta' April 2016, u ressqet appell quddiem il-Bord. Fl-imsemmija ittra s-socjeta` rikorrenti spjegat fid-dettal ir-ragunijiet ghaliex l-ghotja kellha tinghata lilha u mhux lill-intimata Omnicare.

5. B'ittra datata 29 ta' April 2016 is-socjeta` intimata Omnicare informat lis-CPU li - "*Due to a mathematical miscalculation in our computation of the Financial Bid, we cannot sustain our offer ….. [u ghalhekk] we are compelled to reject the tender award*".

Id-Decizjoni Appellata

6. Il-Bord wasal ghad-decizjoni tieghu wara li ghamel is-segwenti osservazzjonijiet:

> "Having noted the Appellant's Objection in terms of the "*Reasoned Letter of Objection*" dated 28 April 2016 and also through their verbal submissions during the Public Hearing held on 14 June 2016, had objected to the decision taken by the Pertinent Authority, in that:
>
> "a) Support Serives Ltd contends that the Tender was awarded to Omnicare Cooperative, with the latter failing to include the costs for Feast Days and Sundays. In this regard, the Appellant is maintaining that the Recommended Bidder's offer was computed on the incorrect number of hours and therefore their objection is not unfounded, as alleged by Contracting Authority in its "*Letter of Reply*".
>
> "Having considered the Contracting Authority's "*Letter of Reply*" dated 12 May 2016 and also their verbal submissions during the Public Hearing held on 14 June 2016, in that:
>
> "a) The Contracting Authority confirmed that Omnicare Cooperative is refusing the award of the Tender due to the fact that they miscalculated their offer".

L-Appell

7. Is-socjeta` rikorrenti qed tibbaza l-appell taghha fuq zewg aggravji: [1] li, il-fatt li l-intimata Omnicare bhala l-offerent maghzul

ammettiet li kienet hadet zball fil-komputazzjoni tal-aspett finanzjarju tal-offerta taghha, id-decizjoni tal-Bord ma kellhiex tkun li tinhareg sejha gdida bir-rizultat li l-istess intimata tithalla ssewwi l-offerta taghha, izda kellha tkun dik li l-intimata tinqala' 'l barra u l-kuntratt jinghata lil min kien gradwat fit-tieni post; u [2] li, bil-mod kif il-Bord iddispona mill-appell li kellu quddiemu huwa naqas li jiddeciedi l-ilment tas-socjeta` rikorrenti, billi la laqa' u lanqas cahad l-appell.

8. Abbazi tal-premess, is-socjeta` rikorrenti qed titlob li din il-Qorti tvarja d-decizjoni appellata "billi filwaqt li tikkonfermaha fejn irrakkomandat li d-depozitu mhallas mis-socjeta` appellant jinghata lura lilha, tirrevokaha, thassarha u tannullaha fil-bqija fejn il-Bord irrakkomanda l-hrug mill-gdid ta' sejha ghal offerti, bl-ispejjez kontra l-appellati".

9. Id-Direttur intimat wiegeb ghal dan l-appell billi issenjala li hu m'ghandux legittimazzjoni passiva f'dan il-kaz u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez ikunu a kariku tas-socjeta` rikorrenti.

10. L-intimata CPU fit-twegiba taghha qed titlob li, ghar-ragunijiet indikati minnha fir-risposta taghha, din il-Qorti tichad l-appell, bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti.

11. L-intimata Omnicare, ghalkemm debitament notifikata bir-rikors tal-appell, naqset milli twiegeb ghall-istess.

*L-Ewwel Aggravju*

12. Is-socjeta` rikorrenti tissottometti li, ladarba l-intimata Omnicare irrifjutat l-ghotja, il-Bord kellu jirrakkomanda li l-kuntratt jinghata lilha, “stante li fit-tellieqa hija kienet l-offerent li kienet ressqet l-aktar prezz baxx offrut konformament mal-ispecifikazzjonijiet tal-offerta”.

13. Tispjega li fil-kalkoli taghha hi hadet in konsiderazzjoni n-numru ta’ sieghat li kellhom jigu meqjusa bhala l-Hdud u l-Festi Pubblici kif mitluba taghmel u waslet ghall-offerta bl-aktar prezz baxx offrut mehuda in konsiderazzjoni dawk il-fatturi.

14. Tispjega ulterjorment, li d-decizjoni tal-Bord li terga’ tinhareg sejha ghal offerti gdida tikkawza lill-istess socjeta` “pregudizzju irriparabbli” stante li l-offerta mressqa minnha fl-ewwel sejha ghal offerti illum hija ta’ dominju pubbliku u ghalhekk offerenti ohra prospettivi li jirrispondu ghas-sejha l-gdida jkunu jafu l-prezz ga offrut mis-socjeta` rikorrenti.

15. Tissenjala, li fid-decizjoni appellata l-Bord ma semma xejn dwar is-socjeta` rikorrenti, hlief li din ghandha tiehu lura d-depozitu.

*It-Tieni Aggravju*

16. Dan hu fis-sens li l-Bord ma kkonsidrax il-pozizzjoni tas-socjeta` rikorrenti u ghamel apprezzament zbaljat tal-provi mressqa quddiemu li wasslu ghall-konkluzjoni zbaljata. Tispjega li, minkejja li hi wriet b'mod ampju li l-kuntratt kellu gustament jigi akkordat lilha, dan ma nghata ebda gharfien mill-Bord.

17. Hija taghmel referenza ghal dak li jghid r-regolament 85[1][b][1] tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti[2] [ir-Regolamenti] u tilmenta li l-ilmenti taghha ma gewx ikkonsidrati u ma nghatatx decizjoni dwarhom bir-rizultat li hi, baqghet minghajr rimedju u wkoll sofriet pregudizzju irreparabbli kif fuq senjalat.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Il-Qorti ser titratta dawn iz-zewg aggravji flimkien.

[1] Dan jghid li: "85. (1) Il-Bord ta' Revizjoni mwaqqaf skond ir-regolament 34(1) ghandu r-responsabbiltà li jindirizza: ……….
(b) ilmenti li jsiru skond ir-regolament 21 u l-procedura stabbilita f'dak ir-regolament minn offerenti u kandidati involuti wara li ssir il-pubblikazzjoni minn awtorità kontraenti ta' avvz li jkollu x'jaqsam mal-ghoti ta' kuntratt;"
[2] L.S. 174.04

18. In tema legali din il-Qorti tosserva li ghall-finijiet tal-vertenza li ghandha quddiemha huma relevanti s-segwenti osservazzjonijiet legali.

19. Fil-kaz odjern huma relevanti d-dispozizzjonijiet tas-subincizi 4 u 5 [d] tar-regolament numru 21 tar-Regolamenti. Fis-subinciz 4, ir-regolament jistipula li "*Il-Bord ta' Revizjoni ghandu jiddeciedi lilment billi jew jilqghu jew jichdu..*"; filwaqt li s-subinciz 5 [d] jistipula li "*Pending the decision of the Court [of Appeal], the process of the call for tenders shall be suspended*".

20. Dan ifisser li, kif korrettament sottomess mis-socjeta` rikorrenti, il-Bord ghandu l-obbligu [shall] li jiddeciedi l-appell pprezentat quddiemu wara debita konsiderazzjoni tal-ilmenti kif kontenuti fl-ittra mibghuta mill-istess socjeta` u ma jistax, bhal kif ghamel fil-kaz prezenti, jinjora dawn l-ilmenti, u jaghti decizjoni li skont il-ligi mhi decizjoni xejn, ghax ma hemmx dikjarazzjoni espressa li tghid li l-appell gie michud.

21. Jinsab assodat fil-gurisprudenza patria li:

> "[Il] motivazzjoni mhux biss trid tirrizulta mis-sentenza izda wkoll li din tkun adegwata. Motivazzjoni li kellha tkun tali li fil-minimu tissodisfa fuq kollox il-partijiet in kawza fuq il-korrettezza fattwali u guridika tar-ragunijiet li wasslu ghad-decizjoni. [F'dak il-kaz din il-Qorti kkonkludiet li d-decizjoni] tikkontjeni deficjenza objettiva". [ ara fost ohrajn, App.Inf. 18/2010 *Eugene Cardona vs Transport Appeals Bord,* deciza fit-18 ta' Gunju 2010]

22. Din il-Qorti tosserva li fil-kaz odjern il-Bord kellu d-dmir legali li jikkonsidra l-ilmenti tas-socjeta` rikorrenti kif kontenuti fl-ittra taghha, u jasal ghal decizjoni motivata abbazi tal-ilmenti taghha hemm spjegati u, il-fatt li s-socjeta` intimata Omnicare ghazlet li, fil-mori tal-appell quddiem il-Bord, tirrifjuta l-ghotja u tohrog mill-process, huwa irrelevanti u ma jnaqqas xejn mill-obbligu legali tal-Bord li jittratta u jiddeciedi dwar l-ilmenti tas-socjeta` rikorrenti anke jekk dawn jinvolvu ezami ta' paragun bejn l-offerta taghha u dik maghmula mill-intimata Omnicare.

23. Fi kliem iehor, il-fatt li Omnicare ghazlet li tohrog mill-process tal-ghazla, liema process ghadu skont il-ligi sospiz, m'ghandux jimmilita kontra s-socjeta` tar-rikorrenti fid-dritt taghha li l-appell taghha jigi trattat u deciz skont il-ligi, jigifieri f'motivazzjoni li tinkwadra fl-ilmenti taghha kif spjegati fl-ittra.

24. Fid-dawl tal-premess hija manifestament mankanti u zbaljata fil-forma d-decizjoni appellata li tonqos milli titratta l-ilmenti tas-socjeta` rikorrenti u, minflok tordna sejha gdida ghal offerti, filwaqt li tittenta tiggustifika d-decizjoni taghha bil-konsiderazzjoni li – "*… just and fair solution would be the re-issuing of the Tender in question to ensure a fair and just comparison of Tenders indicating the number of hours whilst taking into account the rates payable to workers on Feast Days and Sundays*".

25. Dan in-nuqqas tal-Bord li jittratta l-ilmenti tas-socjeta` rikorrenti johrog aktar qawwi fid-dawl tal-fatt li fost l-ilmenti indikati fl-ittra hemm proprju l-fatt allegat mill-istess socjeta` rikorrenti li hi, ghal kuntrarju tas-socjeta` intimata Omnicare, fil-komputazzjoni tal-*financial bid*, hadet in konsiderazzjoni r-rati pagabbli lill-impjegati taghha fil-granet tal-Hdud u tal-Festi Pubblici.

26. Ghaldaqstant iz-zewg aggravji huma gustifikati u qed jigu milqugha.

27. Rigward il-punt sollevat mid-Direttur intimat rigward il-legittimazzjoni passiva, din il-Qorti tosserva li dan l-intimat ma ressaq ebda appell fir-rigward u ghalhekk din il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni tieghu, ghalkemm fil-kap tal-ispejjez sejra tqis il-fatt li dan ma kien involut bl-ebda mod fil-process tal-ghazla tal-offerti.

<u>Decide</u>

Ghar-ragunijiet premessi, tiddeciedi billi tilqa' l-appell tas-socjeta` rikorrenti u tordna li l-atti odjerni jigu rimessi lill-Bord sabiex dan jezamina l-ilmenti tal-istess socjeta` kif kontenuti fir-*Reasoned Letter of Objection* fuq imsemmija.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-intimata *Central Procurement and Supplies Unit – Gozo General Hospital*, kif ukoll tas-socjeta` intimata Omnicare Cooperative Limited *in solidum* bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb